MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Numru 20/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia u Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Keith Galea u Graziella Apap**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Keith Galea ta' 21 sena bin John u Helen nee' Mifsud imwieled Pieta' fit-13 ta' Marzu, 1980 u residenti 20, Triq il-Kardinal Sciberras, Sta. Venera, detentur ta' karta ta' identita numru 155880(M) akkuzati talli: u

Graziella Apap ta' 17-il sena, bint Victor u Angela nee' Vella, imwielda Pieta' fis-6 ta' April 1984 u residenti

‘Merhba’, Triq Amleto Spiteri, Qormi, detentur ta’ karta ta’ identita numru 193784(M);

1. fit-30 ta’ Dicembru, 2001 jew fil-jiem ta’ qabel, ikkommettew serq ta’ trofejiet (trophies) minn fond numru 21, Triq il-Kardinal Sciberras, Sta. Venera, li l-valur taghhom kien aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda ma jeccediex l-elf lira Maltin (Lm1000), ghad-detriment ta’ Edward Baldacchino, liema serq kien kwalifikat u aggravat bil-mezz, valur, lok u hin, dan bi ksur ta’ l-artikoli 263, 267, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

2. Keith Galea wahdu, talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa’ ghandu jigifieri, kwantita ta’ trofejiet (trophies) u midalji, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Dan bi ksur tal-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat fl-Att VI tal-1998.

3. Keith wahdu talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq il-bieb li kien jipprovdi sokor ghall-fond numru 21, Triq il-Kardinal Sciberras, Sta. Venera, liema hsara saret ghad-detriment ta’ Marlene Baldacchino, u tammonta ghall-izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda anqas minn hamsin lira (Lm50).

4. Keith wahdu biss huwa akkuzat ukoll talli kiser sentenza ta’ sentejn habs li giet sospiza ghall-erba’ snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta’ Ottubru, 1999.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat General fejn irrimetta l-process quddiem din il-Qorti sabiex f’nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputati tiddecidi fuq l-akkuza ta’ din il-htija jew htijiet.

Ezaminat il-provi;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta’ Lulju 2003 f’liema l-imputati rregistraw ammissjoni li ppersistew fuqha anka wara li l-Qorti tathom zmien biex jikkonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati issibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Tiddecidi: fir-rigward l-imputata Graziella Apap wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278,279 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15A tal-Kap 65 li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin millum.

Fir-rigward ta’ l-imputat Keith Galea wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 325 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15A tal-Kap 65, ukoll l-Artikolu 28B tal-Kap 9 u ikkunsidrat s-sentenza sospiza deciza kontra tieghu minn din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta’ Ottubru 1999, li:

a) testendi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ghall-erba’ snin li jibdew jiddekorru millum.
b) tikkundannah Lm100 multa li qeghdha tawtorizzah ihallas b’rati ta’ Lm20 fix-xahar, l-ewwel pagament fl-ahhar ta’ Awissu 2003, u pagamenti konsekuttivi u sussegwenti bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas imqar ta’ pagament wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------